MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Numru 33/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca u**
**Spettur Ramon Mercieca)**

**v.**

**Joswa Fenech”**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler tad-29 ta’ Novembru 2011 li biha ghamel denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informa lil din il-Qorti li l-imsemmi Joswa Fenech naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu, kif ukoll li naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga u dan billi ma zammx kuntatt

mal-*Community Worker* Jesmond Xuereb fi hdan l-agenzija CARITAS;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261, 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joswa Fenech hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u cioe` talli fid-29 ta' Dicembru 2010, ghall-habta ta' 11:30 ta' filghaxija minn Triq Guzè Pace, Santa Venera, flimkien ma' persuna/i ohra, ikkommetta serq ta' vettura Toyota Liteace bin-Numru tar-Registrazzjoni DAU-105, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Anthony Casha u/jew ta' persuna/i ohra; u ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. nhar il-15 ta' Ottubru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza dik il-Qorti ghamlet fil-konfront ta' l-imsemmi Goswa Fenech ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

**4.** Semghet id-diversi deposizzjonijiet moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Matthew Fleri Soler; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011 l-ufficjal tal-*probation* ikkonferma l-kontenut tad-denunzja. Minhabba li l-problema bazika tad-denunzjat tidher li hi dik ta' abbuz ta' droga, din il-Qorti tatu opportunita` fuq medda ta' ftit aktar minn sitt xhur sabiex jikkunsidra l-htiega li hemm illi jiehu l-kura mehtiega minhabba tali problema. Matul dan l-istess perijodu rrizulta illi d-denunzjat ghamel uzu kemm mill-cannabis kif ukoll mill-eroina u l-kokaina. Fortunatament l-ahhar test ta' l-urina rrizulta negattiv. Inoltre beda jkun aktar regolari fl-appuntamenti tieghu ma'

l-ufficjal tal-*probation*. Sfortunatament naqas milli jzomm appuntamenti mal-CARITAS u l-appuntamenti tieghu mat-tabib tad-DETOX ma kinux regolari.

**6.** Minn dan huwa evidenti illi d-denunzjat qieghed jibda juri certu progress izda ghad jonqos hafna xoghol, aktar supervizjoni u, fuq kollox, irid jirrejalizza illi **jehtieg l-ghajnuna ta' agenzija li tiehu hsieb il-kura u rijabilitazzjoni ta' min jabbuza mid-droga**. Sakemm id-denunzjat beda jikkoopera ma' l-ufficjal tal-*probation* tieghu, tilef hafna zmien u ghalhekk, peress illi huwa evidenti illi d-denunzjat jehtieg aktar ghajnuna fuq l-itwal firxa ta' zmien possibbli, huwa utili li l-ordni originali ta' *probation* jigi sostitwit b'ordni gdid ta' *probation*.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Joswa Fenech kiser l-ordni ta' *probation* ta' l-10 ta' Jannar 2011, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu imsemmija hawn fuq (paragrafu tnejn), u wara li rat l-artikoli 49, 50, 261, 263(a), 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdu mill-gdid taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-hati ddikjara li huwa jaccetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tigi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Ufficjal Principali tal-*Probation*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------